# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 967/2013 SM**

**Robert Borg**
**(KI 311373 (M)**

**vs.**

**Shaunvic Felice KI 12990 (M)**
**u b'digriet tal-1 ta' Novembru,**
**2013 giet intervenuta fil-kawza**
**Montaldo *Insurance Agency Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fit-30 t'Ottubru, 2011, waqt li l-intimat kien qed isuq Volkswagen Passat SE TDI numru XON – 444 fi Triq San Gorg, San Giljan, kien involut f'incident awtomobilistiku tat-tip *"hit and run"*, dahal f'diversi vetturi pparkjati fosthom dik tat-tip Mercedes Benz S 320CDI tar-rikorrenti, u ikkagunalhom hsarat konsiderevoli;

1.2. Illi ghal dan l-incident kien jahti unikament l-intimat, (ara foll 6);

1.3. Illi r-rikorrenti kellu polza tal-assikurazzjoni mas-socjeta` *Citadel Insurance plc*, (ara foll 10), waqt li l-intimat kien assikurat mas-socjeta` Montaldo *Insurance Agency Limited*;

1.4. Illi l-polza tal-assikurazzjoni tar-rikorrenti ma tkoprix fost l-ohrajn il-*"loss of value"*, *"depreciation"* u "*the cost of any hired alternative transport*", (ara foll 19);

1.5. Illi wara negozjati fit-tul thallas biss ghad-danni koperti taht il-polza izda zamm ferm id-drittijiet tieghu ghad-danni rimanenti kontra l-intimat, (ara foll 43 u 44);

1.6. Illi d-danni rimanenti jikkonsistu fis-segwenti:

1.6.1. Deprezzament tal-vettura *de quo*, (ara foll 45);

1.6.2. Kiri ta' transport alternattiv, (ara foll 49 sa 55);

1.7. Illi ghalkemm interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni in dizamina l-intimat baqa' inadempjenti, (ara foll 56);

1.8. Illi ghaldaqstant aderixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku *de quo* datat l-30 t'Ottubru, 2011, sehh unikament tort

tal-intimat minhabba imperizja, traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

1.8.2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti, tenut kont li uhud mill-ispejjez thallsu mill-assikurazzjoni tar-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.8.3. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.8.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat il-15 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 59);

3. Rat id-digriet taghha datat l-14 t'April, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita awtorizzat lis-socjeta` Montaldo *Insurance Agency Limited* biex tintervjeni fil-kawza odjerna *in statu et terminis*, (ara foll 127);

4. Semghet ix-xhieda prodotta;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

6. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi waqt li l-intimat Felice kien qed isuq il-vettura tieghu fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), spicca biex dahal f'diversi vetturi li kienu pparkjati fi Triq San Gorg, San Giljan, u baqa' sejjer minn fuq il-post sa kemm kien rintraccat mill-pulizija;

7.2. Illi fost il-vetturi sinistrati kien hemm dik tar-rikorrenti, (ara ukoll paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

7.3. Illi r-rikorrenti pproceda kontra l-intimat Felice biex:

7.3.1. L-istess Felice jigi dikjarat responsabbli ghall-incident in dizamina;

7.3.2. L-istess Felice jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti li l-assikurazzjoni tieghu ma kopritx, senjatament:

7.3.2.i. Id-deprezzament tal-vettura tar-rikorrenti;

7.3.2.ii. Kiri ta' transport alternattiv li kien kostrett jutilizza in vista tal-incident *de quo*;

8. Illi l-vettura misjuqa mill-intimat kienet assigurata f'isem in-nanna tieghu Frances Camilleri li kellha polza tal-assigurazzjoni mahruga mas-socjeta` intervenuta fil-kawza Montaldo *Insurance Agency Limited*;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi fir-risposta guramentata taghha datata t-23 ta' Settembru, 2015, is-socjeta` intervenuta fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti sintetikament esponiet is-segwenti:

9.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16;

9.2. Illi sussidjarjament l-istess talbiet tar-rikorrenti huma infundati;

Ikkunsidrat:

10. Illi in vista tal-premess ser issa tikkonsidra l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intervenuta;

11. Illi l-**artiklu 2153 tal-Kap 16** jistipula s-segwenti:

> "L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn";

12. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 2137 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti:

> "Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss";

Ikkunsidrat:

13. Illi fir-rigward tas-suespost jigi rilevat li l-procedura odjerna inbdiet fit-8 t'Ottubru, 2013, (ara foll 1);

14. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-30 t'Ottubru, 2011, (ara foll 6);

15. Illi ghalhekk jirrizulta abbundantement assodat li l-introduzzjoni tal-procedura in dizamina sehhet qabel ma lahaq skada t-terminu preskrittiv ta' sentejn rikjamat mis-socjeta` intervenuta;

16. Illi konsegwentement, din l-eccezzjoni preliminari tal-istess socjeta` ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

17. Illi ghalkemm jirrizulta li l-intimat Felice kien debitament notifikat bir-rikors guramentat promotur u bid-digriet ghas-smigh tal-istess, (ara foll 61), dan ghazel li ma jintavola l-ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed fi stat ta' kontumacja;

18. Illi *nonostante* s-suespost dan ma jfissirx li l-kontumacja hi ekwivalenti ghall-ammissjoni;

19. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Kummerc** fl-ismijiet **Giuseppe Wismayer vs. Giovanni Magro**, datata l-**24 ta' Novembru, 1934**, (**Kollez. Vol. XXIX, P.III, p. 35**), li irriteniet li:

> "... l-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut";

20. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li kontumacja mhix ekwivalenti ghal ammissjoni ghat-talbiet imressqa fil-konfront tieghu, u konsegwentement ir-rikorrenti xorta wahda jrid jipprova t-talbiet u l-premessi tieghu;

21. Illi d-dikjarazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intervenuta fil-kawza li mhux qed jikkontesta li l-intimat Felice hu responsabbli ghall-incident in dizamina mhix ekwivalenti ghall-prova fir-rigward, (ara foll 285);

Ikkunsidrat:

22. Illi minkejja s-suespost, ezami tal-provi prodotti, tenut kont tal-fatti li dan kien kaz ta' *"hit and run"*, l-intimat Felice jirrizulta li hu unikament responsabbli ghad-danni minnhu ikkagunati lill-vetturi pparkjati li dahal fihom, (ara foll 9 u 211);

23. Illi konsegwentement, l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi akkolta, (ara foll 2);

Ikkunsidrat:

24. Illi fir-rigward tad-danni rikjamati jinghad li l-*onus probandi* jirrisjedi fuq ir-rikorrenti;

25. Illi din il-qorti hadet vizjoni tal-fatt li s-socjeta` assiguratrici tar-rikorrenti gia` hallset lill-istess s-somma ta' €30,000.00 ghad-danni reali minnu sofferti biex eventwalment isiru t-tiswijiet mehtiega fuq il-vettura sinistrata tar-rikorrenti;

26.0. Illi ghalhekk din il-procedura hi limitata ghad-danni specifici lis-socjeta` assikurattrici tar-rikorrenti ma kopritx, (ara paragrafu numru sebgha punt tlieta punt tnejn, (7.3.2.), aktar qabel u foll 3 u 19), senjatament:

26.1. Id-deprezzament li sehh fil-vettura tieghu rizultat tal-incident *de quo*;

26.2. L-ispiza li kien kostrett li jaghmel ghall-uzu ta' transport alternattiv;

27. Illi jirrizulta assodat mid-"*Discharge Form*" datata s-6 ta' Lulju, 2012, (ara foll 43), li r-rikorrenti thallas biss ghad-danni koperti taht il-polza hemm riferita, u zamm ferm id-dritt tieghu li jipprocedi ghad-danni l-ohra mhux koperti bl-istess assikurazzjoni, u dan, *ai termini* tal-artiklu 1167 tal-Kap 16, (ara foll 44);

28. Illi *stante* li jirrizulta li l-imsemmija danni ma gewx risarciti mill-assikurazzjoni *de quo* l-istess danni ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-intimat li hu responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

29. Illi fir-rigward tal-kapijiet ta' danni fuq riferiti ssir referenza ghall-"motor *survey report*" datat l-24 ta' Novembru, 2011, imhejji mis-"*surveyor*" li jistabbilixxi s-segwenti, (ara foll 48):

> "*Considering all the sustained structural and non-structural damages, and the fact that this vehicle has been on the road since the year 2008 – three years old, I am of the opinion that the vehicle's actual local market value has depreciated by not less than 20%*";

Ikkunsidrat:

30. Illi ghalkemm l-intimat Felice gie hawn mizmum responsabbli ghall-incident in kwistjoni jinghad li m'ghandux jinzamm responsabbli ghat-tnaqqis fil-valur tal-vettura tar-rikorrenti minhabba t-tul taz-zmien li din ilha barra tintuza fit-triq;

31. Illi l-intimat Felice ghandu ghalhekk jinzamm responsabbli biss ghat-tnaqqis fil-valur tal-istess vettura minhabba d-danni kkawzati direttament mill-incident;

32.0. Illi konsegwentement, id-deprezzament ta' 20% stabbilit aktar qabel ser jigi imqassam bil-mod segwenti:

32.1. 10% tnaqqis fil-valur tal-vettura minhabba t-tul taz-zmien li l-istess vettura ilha barra tintuza fit-triq; u

32.2. 10% tnaqqis fil-valur tal-vettura minhabba d-danni ikkagunati fl-incident *de quo*;

33. Illi ghalhekk qed jigi stabbilit li l-intimat Felice ghandu jaghmel tajjeb ghall-10% tal-prezz tal-vettura *de quo*;

34. Illi *stante* li jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet swiet €70,000.00, (ara foll 177 u 190, allura 10% tal-istess huma ekwivalenti ghal sebat elef euro, (€7,000.00);

Ikkunsidrat:

35. Illi fir-rigward tad-danni konsistenti fi hlasijiet biex ir-rikorrenti jutilizza mezz alternattiv ta' transport, issir referenza ghad-dokumentazzjoni fir-rigward fejn jirrizulta li l-ammont ta' danni komplessivament soffert mir-rikorrenti fir-rigward jammonta ghal elfejn, hames mija u sitta u sebghin euro, (€2,576.00);

Ikkunsidrat:

36. Illi in vista tal-premess l-ammont komplessiv ta' danni li l-intimat Felice ghandu jhallas lir-rikorrenti jammonta ghal disat elef, hames mija u sitta u sebghin euro, (€9,576.00);

Ikkunsidrat:

37. Illi fir-rigward tas-socjeta` assikuratrici intervenuta fil-kawza jinghad li f'dawn il-proceduri l-intervenuti ma jistghux jigu assoggettati ghall-gudizzju jew jigu liberati *stante* li f'dan l-istitut

l-intervenut la jista' jigi kkundannat ghal-hlas tal-mertu jew ghall-ispejjez, u lanqas jista' jitlob ghar-rimbors tal-ispejjez tieghu, (ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Paul Fiorentino *et* vs. David Jones *nomine et*** datata **l-5 ta' Novembru, 2013**);

Ikkunsidrat:

38.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, fil-limiti fuq indikati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

38.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

38.2. Tirrespingi r-risposti tas-socjeta` kjamata in kawza;

38.3. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku in dizamina li sehh fit-30 t'Ottubru, 2011, sehh unikament tort u htija tal-intimat Shaunvic Felice minhabba imperizja, traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

38.4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti mertu ta' din il-procedura fl-ammont komplessiv ta' disat elef hames mija u sitta u sebghin euro, (€9,576.00);

38.5. Tikkundanna lill-intimat Shaunvic Felice biex ihallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti Robert Borg;

38.6. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmi intimat Felice.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**